# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 14 ta' Diċembru, 2022.**

**Numru 56**

**Rikors numru 250/19/1 CFS**

**Anna Zelbst**

**v.**

**Alfred Mifsud**

1. Il-partijiet kienu f'relazzjoni bejn is-sena 1992 u s-sena 2016, minn liema relazzjoni huma kellhom żewġt itfal. Il-partijiet itterminaw ir-relazzjoni tagħhom fi Frar 2016 u bdew jgħixu separatament, bl-ulied jgħixu mal-attriċi. L-attriċi tgħid li bejn Marzu u Mejju 2016 il-konvenut beda jħallasha somma mensili ta' €3,000, u bi skrittura datata 7 ta' Lulju 2016 il-konvenut ikkonferma li kien ser ikompli jħallasha l-istess ammont kull xahar sakemm tibqa' tgħix ma' wlied il-partijiet u kien ser ikompli jħallas spejjeż raġonevoli ta' manutenzjoni tal-appartament fejn kienet

qiegħda tgħix, kif ukoll l-ispejjeż tal-utilitajiet tal-appartament. L-attriċi tgħid li l-konvenut biddel fehemtu dwar dan kollu f'Ġunju 2016 u waqaf iħallas is-somma mensili msemmija, u għalhekk hija kienet istitwiet proċeduri ġudizzjarji kontra tiegħu, u permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-18 ta' Ġunju 2018 il-konvenut ġie ordnat iħallasha s-somma ta' €6,000 għax-xhur ta' Ġunju u Lulju 2016, liema somma ġiet fil-fatt imħallsa minnu. L-attriċi tgħid li sad-data tal-preżentata tar-rikors ġuramentat tagħha f'dawn il-proċeduri l-konvenut kellu jagħtiha s-somma ta' €93,000 għax-xhur bejn l-1 ta' Awwissu 2016 u t-28 ta' Frar 2019, u huwa għalhekk li ntavolat dawn il-proċeduri.

2. F'dawn il-proċeduri hija talbet għalhekk lill-Ewwel Qorti sabiex:

> "1. Tiddeċiedi u tilqa' t-talba tal-attriċi mingħajr ma tgħaddi għas-smigħ tal-kawża ai termini tal-Artikolu 167(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta in vista ta' 'l hawn fuq dikjarazzjoni ġuramentata u tal-anness affidavit Dok F;
>
> 2. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' tlieta u disgħin elf ewro (€93,000) dovuti lilha kif fuq indikat għall-perijodu mill-1 ta' Awwissu 2016 sat-28 ta' Frar 2019;
>
> Bl-ispejjeż kontra l-konvenut u bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata talkawża odjerna sad-data tal-pagament effettiv".

3. Il-konvenut eċċepixxa, *inter alia,* li kwalunkwe obbligazzjoni li huwa seta' assuma fil-konfront tal-attriċi bil-kitba msemmija minnha ma tiswiex minħabba qerq u ngann ipperpetrat mill-attriċi, li l-ħlas pretiż mill-attriċi mhuwiex dovut, jew mhux kollu dovut, billi huwa diġà ħallas parti kbira

minn din is-somma, u li f'kull każ it-tieni talba attriċi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, u għalhekk għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż.

4. Il-konvenut ippreżenta wkoll kontro-talba permezz ta' liema ppremetta li waqt li l-partijiet kienu għaddejjin b'negozjati sabiex jaslu għall-ftehim bonarju fl-interess ta' wliedhom, l-attriċi kienet marret għand Daphne Caruana Galizia u vvintat storja malafamanti bil-għan li tagħmillu l-ħsara, u kien f'dan il-kuntest li l-attriċi b'ingann induċietu biex jagħtiha bil-miktub il-proposta tiegħu għall-arranġament favur uliedhom. Skont l-attur din il-kitba ma tiswiex ladarba ġie indott jiktibha b'ingann u b'qerq da parti tal-attriċi, u fi kwalunke każ l-obbligu ta' ħlas li seta' assuma favur l-attriċi bil-kitba m'għadux validu u effettiv.

5. Il-konvenut rikonvenzjonant talab għalhekk lill-Ewwel Qorti sabiex:

> "1. tiddikjara u tiddeċiedi li kwalunkwe obbligazzjoni li l-esponent seta' assuma favur l-attriċi bl-iskrittura tat-8 ta' Lulju (recte: Ġunju) 2016 ma tiswiex minħabba l-inganni u l-qerq tal-attriċi kif fuq spjegat;
>
> 2. f'kull każ, tiddikjara u tiddeċiedi li kwalunkwe obbligazzjoni li l-esponent seta' assuma favur l-attriċi bl-iskrittura tat-8 ta' Lulju (recte: Ġunju) 2016 ma tiswiex minħabba li l-attriċi rrendiet ruħha ħatja fil-konfront tal-esponent ta' inġurji gravi, u bil-ħsieb li tagħmillu d-deni, għamlitlu ħsara kbira u ppreġudikatlu b'mod irrimedjabbli l-interessi tiegħu.
>
> Bl-ispejjeż kontra l-atturi li jibqgħu inġunti minn issa għas-subizzjoni".

6. L-attriċi rikonvenzjonata eċċepiet, *inter alia,* li l-azzjoni tal-konvenut hija preskritta bid-dekors ta' sentejn għall-finijiet tal-Artikoli 1222 u 1223

tal-Kodiċi Ċivili, li diġà ġie deċiż permezz ta' sentenza finali tal-Qorti datata 18 ta' Ġunju 2018, li ġiet anke kkonfermata permezz ta' sentenza ta' ritrattazzjoni li l-iskrittura inkwistjoni ma kinitx tnissil tal-obbligazzjoni, iżda biss konferma tal-obbligazzjoni ġia assunta preċedentement, u għalhekk deċiżjoni tal-Qorti li l-iskrittura ma tiswiex ma tħassarx l-obbligu li kien diġà ġie assunt mill-konvenut rikonvenzjonant, li l-obbligazzjoni assunta mill-konvenut rikonvenzjonant titħassar biss fit-termini ta' dak dispost mill-Artikolu 992(2) tal-Kodiċi Ċivili u fil-każ odjern ma jeżistu l-ebda raġunijiet magħrufin mil-liġi li jistgħu jwasslu għar-rexxissjoni tal-obbligazzjoni inkwistjoni, li l-konvenut rikonvenzjonant għandu jindika fuq liema artikolu tal-liġi qiegħed jibbaża t-tieni talba, u li hawn si tratta ta' każ fejn japplika l-prinċipju ta' *pacta sunt servanda* u l-obbligazzjoni assunta mill-konvenut ġiet assoġġettata biss għall-kondizzjoni li l-attriċi tibqa' tgħix ma' wlied il-partijiet.

7. Bis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-10 ta' Ġunju 2022 ġie deċiż hekk:

> "Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:
>
> i. Tiċħad l-ewwel talba ta' Anna Zelbst għaliex din il-kawża tmexxiet skont il-proċedura ordinarja u mhux skont il-proċedura sommarja;
>
> ii. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni ta' Anna Zelbst dwar l-ewwel talba mressqa minn Alfred Mifsud fil-kontro-talba tiegħu għaliex l-azzjoni għat-tħassir tal-obbligazzjoni minħabba għemil doluż ma saritx fi żmien sentejn skont l-artikoli 1222 u 1223 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk tiċħad l-ewwel talba magħmula fil-kontro-talba mressqa minn Alfred Mifsud;

iii. Tilqa' l-bqija tal-eċċezzjonijiet kollha mressqa minn Anna Zelbst bi tweġiba għall-kontro-talba ta' Alfred Mifsud peress li dawn instabu li huma tajbin u għalhekk tiċħad il-kontro-talba kollha mressqa minn Alfred Mifsud għaliex it-twettiq ta' offiża gravi minn Anna Zelbst fil-konfront tiegħu mhijiex raġuni skont il-liġi biex ittemm l-obbligazzjoni li huwa ntrabat biha favur Anna Zelbst;

iv. Tiċħad għall-istess raġunijiet l-ewwel u t-tielet eċċezzjonijiet mressqa minn Alfred Mifsud fir-rigward tat-tieni talba magħmula minn Anna Zelbst;

v. Tilqa' t-tieni eċċezzjoni ta' Alfred Mifsud għaliex jirriżulta li huwa diġà ħallas parti mis-somma mitluba minn Anna Zelbst lil uliedu permezz ta' numru ta' pagamenti magħmula minnu fil-perijodu ta' bejn l-1 ta' Awwissu, 2016 u t-28 ta' Frar, 2019;

vi. Tilqa' t-tieni talba ta' Anna Zelbst iżda sal-ammont ta' €39,000, u b'hekk tordna lil Alfred Mifsud iħallas lil Anna Zelbst is-somma ta' €39,000, b'imgħax sempliċi bit-8% fis-sena fuq din is-somma, li jibda għaddej mid-data tan-notifika tar-rikors maħluf, jiġifieri mis-26 ta' April, 2019, sad-data tal-ħlas effettiv;

Fl-aħħar nett, għar-raġunijiet fuq imsemmija l-qorti qiegħda tordna li Alfred Mifsud għandu jbati l-ispejjeż kollha marbuta mal-kawża li fetħet Anna Zelbst u mal-kontro-talba li ressaq hu".

8. Il-konvenut ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fit-8 ta' Lulju 2022 permezz ta' liema talab lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tilqa' l-eċċezzjonijiet tiegħu għat-talbiet attriċi u konsegwentement tiċħadhom, filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-appellata rikonvenzjonata u tilqa' t-talbiet rikonvenzjonanti tiegħu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata, jew alternattivament tirriforma s-sentenza appellata billi tnaqqas l-ammont pagabbli minnu għas-somma ta' €24,082, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi jinqasmu bejn il-partijiet.

9. L-attriċi, minkejja li ġiet debitament notifikata fil-25 ta' Awwissu 2022 ma ressqet l-ebda risposta.

10. L-attriċi ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fit-8 ta' Lulju 2022 permezz ta' liema talbet lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha f'dik il-parti fejn laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut u tirriforma d-deċiżjoni mogħtija fir-rigward tat-tieni talba attriċi billi tikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' €93,000 minflok is-somma ta' €39,000 jew *kwalsiasi* somma oħra verjuri, bl-imgħax kif stabbilit fl-istess sentenza.

11. Alfred Mifsud ippreżenta r-risposta tiegħu għar-rikors tal-appell tal-attriċi fil-11 ta' Awwissu 2022 permezz ta' liema talab lill-Qorti sabiex tiċħad l-appell tal-attriċi u tiddikjara l-istess appell bħala frivolu u vessatorju, u tikkundannna lill-attriċi tħallas spejjeż doppji.

**Ikkonsidrat:**

**L-Appell tal-Konvenut**

**L-Ewwel Aggravju**

12. Permezz ta' dan l-aggravju l-konvenut jilmenta li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ddeċidiet li l-ittra datata 8 ta' Lulju (*recte:* Ġunju)

2016 tnissel u toħloq obbligazzjoni vinkolanti fuqu għaliex kienet "kontenuta", u bħala konsegwenza ta' korrispondenza li kienet qed tiġi skambjata bejn il-partijiet fuq bażi ta' mingħajr preġudizzju. Jargumenta li din l-ittra kienet inkitbet lejn l-aħħar ta' ġurnata fejn huwa kien għamilha ċara lill-attriċi li ried il-paċi wara snin ta' problemi f'relazzjoni li marret mill-ħażin għall-agħar. Bħala risposta ta' dan l-attriċi kienet staqsietu jekk dan kienx ifisser li ma kienx ser ikompli jgħaddilha ċ-ċekk ta' kull xahar, u meta wieġeb li kien ser jibqa' jagħmel hekk l-attriċi kienet talbet "*a signed paper confirming this"*, u kien għalhekk li kien bagħat din l-ittra lill-attriċi. Jgħid li mill-*email* li huwa kien bagħat fl-istess ġurnata jirriżulta b'mod ċar li huwa kien bagħat din l-ittra lill-attriċi biex jevita kwalunke litigazzjoni. Isostni li matul is-snin intilef il-punt, illi li kieku l-ittra nkitbet mill-avukat kien jiżdied il-kliem "mingħajr preġudizzju" għaliex l-ispirtu li fih huwa kiteb din l-ittra kien proprju dan, u ċioè bħala tentattiv ta' tranżazzjoni u kompromess. Skont il-konvenut din l-ittra kienet intiża biss biex tfisser x'kien lest li jobbliga ruħu li jagħmel f'każ li jkun hemm ftehim bejn il-partijiet, u l-fatt li kien hemm il-ħlas diġà qabel din l-ittra ma jfisser xejn.

13. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "55. Il-qorti tissokta ttenni li għalkemm Alfred Mifsud, kemm fix-xiehda tiegħu (ara paġna 266 tal-atti tal-kawża) u kif ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, jargumenta li huwa kellu biss l-intenzjoni li jwettaq il-ħlasijiet ta' €3,000 lil Anna Zelbst fix-xahar fil-każ biss li huma jilħqu ftehim dwar il-pendenzi kollha li kien hemm bejniethom, din il-qorti ma jseħħilhiex li dan kien il-każ;

56. Mill-provi jirriżulta li għalkemm kien biss fit-8 ta' Ġunju, 2016 li l-obbligazzjoni inkwistjoni ġiet magħrufa permezz ta' kitba ffirmata minn Alfred Mifsud, fil-fatt dan tal-aħħar kien ilu minn Frar tas-sena 2016 iħallas lil Anna Zelbst €3,000 kull xahar. Tant hu hekk, li fl-1 ta' Mejju, 2016 Anna Zelbst bagħtet ittra lil Alfred Mifsud, fejn fost numru ta' affarijiet hija talbitu biex il-ħlasijiet li huwa kien qiegħed jagħmlilha kull xahar jibdew isiru permezz ta' standing order mill-kont bankarju tiegħu;

57. Huwa minnu li dakinhar tat-8 ta' Ġunju, 2016 kmieni filgħodu Alfred Mifsud bagħat ittra elettronika lil Anna Zelbst fejn huwa wissieha li ma kienx beħsiebu jħallasha jekk hija kienet sejra ddaħħlu l-qorti. Iżda mbagħad, aktar tard fl-istess ġurnata, wara li Anna Zelbst ikkomunikat miegħu u staqsietu jekk huwa kienx sejjer iwaqqfilha il-ħlasijiet ta' kull xahar, b'messaġġ mibgħut minnu, Alfred Mifsud ikkonferma iswed fuq l-abjad li jiġri x'jiġri huwa kien sejjer jibqa' jgħaddilha dawn il-ħlasijiet. Terġa' u tgħid, Alfred Mifsud kompla jsaħħah din ir-rieda tiegħu li jagħmel dan, meta aktar tard fl-istess ġurnata huwa ħalla l-kitba ffirmata minnu fil-kaxxa tal-ittri ta' Anna Zelbst;

58. Dan ixejjen għalkollox it-teżi ta' Alfred Mifsud, li permezz tal-kitba tat-8 ta' Ġunju, 2016, huwa kien qiegħed jintrabat biss li jħallas lil Anna Zelbst €3,000 fix-xahar fil-każ biss li huma jiftiehmu fuq il-pendenzi kollha li kellhom bejniethom. Il-qorti jidhrilha li l-kitba tat-8 ta' Ġunju, 2016 hija ċara u fiha Alfred Mifsud kien qiegħed itenni l-obbligazzjoni tiegħu li jħallas €3,000 kull xahar lil Anna Zelbst sakemm uliedhom jibqgħu jgħixu magħha, u li f'każ li dawn jitilqu mid-dar, il-ħlas kellu jonqos proporzjonalment iżda qatt inqas mill-pensjoni tas-sigurtà soċjali li huwa jirċievi kull xahar;

59. Din kienet l-unika kundizzjoni li ssemmi l-kitba tat-8 ta' Ġunju, 2016. Din il-kitba ma ssemmix li l-ħlas kien jiddependi mill-qbil tal-partijiet dwar il-pendenzi kollha li kien hemm bejniethom. Ladarba l-kliem ta' din il-kitba huwa ċar ma hemmx lok għall-interpretazzjoni tiegħu (ara l-artikolu 1002 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta). Jissokta jingħad li meta l-kliem f'kitba jkun ċar u fejn il-fatti li jkunu wasslu għal dik il-kitba ma jpoġġux fid-dubju r-rieda ta' min kitibha, mhuwiex permess lill-ġudikant li jagħti lil dik il-kitba tifsira differenti minn dik li tkun ingħatat b'mod ħieles minn dak li kitibha (ara John Żammit et v. Michael Zammit Tabone nomine, deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar, 1997 u Emanuel Aġius et v. Saviour Aġius et, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar, 2015);

60. Huwa ta' xejn li fix-xiehda tiegħu Alfred Mifsud jipprova jagħti tifsira differenti għal dak li huwa kiteb fit-8 ta' Ġunju, 2016 għaliex contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur. Dan il-prinċipju jibqa' jseħħ sakemm il-qorti ma tkunx konvinta illi hemm xi żball fil-kitba jew li fil-kitba tħalla barra xi patt għal xi raġuni speċjali (ara Merċieca v. Pace, deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Diċembru, 1947 u Carmelo Morana v. Nutar Dr. Joseph Spiteri, deċiża mill-Qorti tal-

> Appell fis-26 ta' Mejju, 1952). Iżda lill-qorti ma jirriżultalhiex li fil-kitba tat-8 ta' Ġunju, 2016 sar xi żball jew tħalliet xi kundizzjoni barra;
>
> 61. Fuq kollox, għalkemm huwa minnu li provi bil-fomm jistgħu jintużaw biex jinftiehmu aħjar kitbiet li ma jkunux ċari, dawn mhumiex ammissibbli meta dak li jkunu qegħdin jippruvaw ifissru jkun diġà ċar, hekk kif fil-fatt hija l-kitba inkwistjoni (ara Attard v. Mamo, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Mejju, 1941)";

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

14. L-appellant essenzjalment jargumenta li l-iskrittura tat-8 ta' Ġunju 2016 ma tikkostitwix ftehim vinkolanti għaliex kienet ġiet mibgħuta fi stadju ta' negozjati bejn il-partijiet, u turi biss dak li hu kien lest li jagħti lill-attriċi fil-każ li hija taċċetta li ma jmorrux il-Qorti u jittransiġu l-kwistjoni ta' bejniethom bonarjament. Wara li rat l-atti l-Qorti ma taqbel xejn ma' dan l-argument u tqis li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta kkonsidrat li teżisti obbligazzjoni vinkolanti. Kif ġie korrettement ikkonsidrat mill-Ewwel Qorti, l-appellant kien ilu jgħaddi lill-attriċi pagament ta' €3,000 kull xahar sa minn Frar 2016. Tant jidher li l-kwistjoni dwar dan il-pagament mensili ta' bejn il-partijiet ma kinitx għadha kwistjoni li dwarha l-partijiet kienu sempliċiment qed jinnegozjaw li f'Mejju 2016 l-attriċi talbet lill-appellant biex dan il-ħlas mensili jibda jagħmlu permezz ta' *standing order,* li fil-fehma ta' din il-Qorti juri li sa minn qabel Ġunju 2016 kien hemm proposta min-naħa tal-appellant li ġiet aċċettata mill-attriċi u kienet ilha tiġi attwata għal numru ta' xhur b'mod li ma jistax ikun dubitat li nħolqot obbligazzjoni vinkolanti. Fil-fehma ta' din il-Qorti dik l-iskrittura ta' Ġunju 2016 kienet sempliċiment konferma li l-appellant kien sejjer ikompli jonora din l-

obbligazzjoni iktar milli l-ħolqien innifsu tal-obbligazzjoni, li kif ingħad seħħ qabel Ġunju 2016.

15. Kif sewwa kkonsidrat l-Ewwel Qorti l-unika kondizzjoni li ġiet imposta fl-iskrittura ta' Ġunju 2016 kienet fis-sens li s-somma ta' €3,000 kellha tibqa' titħallas sakemm ulied il-partijiet Alain u Shana jkomplu jgħixu mal-attriċi, imbagħad titnaqqas proporzjonalment. Għalhekk l-appellant ma jistax jippretendi li l-Qorti tinterpreta l-ftehim b'mod li jinħolqu kondizzjonijiet differenti ladarba dak miktub huwa ċar u ma jħalli l-ebda lok għall-interpretazzjoni.

16. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**It-Tieni Aggravju**

17. Permezz ta' dan l-aggravju l-konvenut jilmenta li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ddeċidiet li kien meħtieġ il-kunsens tal-attriċi biex hu jinħall mill-allegata obbligazzjoni maħluqa permezz tal-ittra msemmija. Il-konvenut jargumenta li ladarba l-allegata obbligazzjoni hija unilaterali u allura daħlet fis-seħħ biss bil-kunsens tiegħu, huwa seta' joħroġ minnha unilateralment mingħajr il-kunsens tal-attriċi, u dan skont ma jgħallmu l-ġuristi Alpa u Bessone. Jgħid li f'dan il-każ ġie pruvat li huwa ma kellu l-ebda ntenzjoni li jħallas is-somma ta' €3,000 jekk il-partijiet ma jiftehmux.

Jgħid li la fuq l-ittra hemm biss il-firma tiegħu allura hu biss parti f'dan il-kuntratt u l-attriċi hija biss waħda mill-benefiċjarji, flimkien maż-żewġ benefiċjarji l-oħra li huma wliedhom, u *semmai* l-kawża kellha ssir mit-tlieta li huma biex il-ġudizzju jkun integru. Jgħid li l-attriċi ma tatx il-kunsens tagħha biex tinħoloq l-obbligazzjoni u għalhekk lanqas ma hemm bżonn il-kunsens tagħha biex l-allegat kuntratt jiġi xolt.

18. Il-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti li dwarha sar dan l-aggravju hija s-segwenti:

> "54. Jinżel minn dan kollu li l-obbligazzjoni li ntrabat biha Alfred Mifsud tista' tieqaf biss jekk Anna Zelbst tagħti l-kunsens tagħha għat-tħassir tal-obbligazzjoni skont l-artikolu 992(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta (ara f'dan is-sens David Borg v. W.V.S. (Marketing) Ltd, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-1 ta' Diċembru, 2004)";

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

19. Il-Qorti tibda billi tirrileva illi dan l-argument tal-appellant li l-obbligazzjoni inkwistjoni hija waħda unilaterali u għalhekk seta' jinħall minnha meta jrid u mingħajr il-kunsens tal-attriċi huwa argument ġdid li ma tressaq fl-ebda stadju tal-proċeduri qabel ir-rikors tal-appell. Għalhekk fil-fehma tal-Qorti dan l-argument jikkostitwixxi *noviter deductus*, li mhuwiex permissibli li jitqajjem f'dan l-istadju.

20. Fi kwalunkwe każ il-Qorti tqis li dan l-argument huwa nfondat għaliex kif diġà ġie kkonsidrat fl-aggravju preċedenti, l-iskrittura li għaliha

jagħmel referenza l-appellant hija biss konferma tal-intenzjoni tal-appellant li jkompli jesegwixxi l-obbligazzjoni li kienet diġà nħolqot qabel ma saret din l-iskrittura.

21. F'dan il-każ jirriżulta li l-offerta magħmula mill-appellant li jħallas €3,000 fix-xahar għall-bżonnijiet tal-appellata u wliedhom kienet diġà saret sa minn Frar 2016 u ġiet aċċettata mill-attriċi, tant li kienet ilha tiġi attwata minn dak iż-żmien. Għalhekk, independentement mill-iskrittura ta' Ġunju 2016, sa minn Frar 2016 kien diġà hemm obbligazzjoni vinkolanti kontenuta f'kuntratt bilaterali għaliex kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Catbros Limited v. Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet** (Appell, 24/03/2004):

> "…l-offerta tas-socjeta` msemmija, accettata mill-appellanti, kienet tikkreja rapport guridiku bejniethom. Dan ma jistax ikun dubitat in kwantu offerta determinanti hi dimostrattiva tal-intenzjoni f'min jaghmilha li jkun vinkolat minn kwalsiasi accettazzjoni valida taghha. Ara Kollez. Vol XXVIII pI p629.
>
> Kif kellu okkazjoni l-gudikant sedenti jesprimi ruhu fiddecizjoni fl-ismijiet "Accountant General -vs- Carmelo Penza noe", Prim'Awla, 28 ta' Marzu 2003, "huwa indiskuss illi l-accettazzjoni gabet maghha u in forza taghha l-vinkolu kontrattwali u kkrejat il-ftehim fuq lelementi kollha tieghu, kemm dawk principali kif ukoll dawk sekondarji jew accessorji. Dan ma jistax jitqies ftehim jew akkordju b'funzjoni preparatorja izda wiehed finali, ghalkemm suggett ghal certi kundizzjonijiet … ... Ghax jekk l-offerta kienet biss l-istadju inizzjattiv versu l-konkluzjoni tal-kuntratt, l-accettazzjoni ghandha b'necessita` titqies bhala adezjoni ghall-kontenut ta' l-offerta. Konsiderati flimkien – l-offerta u l-accettazzjoni – jikkostitwixxu n-negozju guridiku li hu l-bazi u sostrat tal-ftehim. Jekk l-offerta tirrivesti l-karattru ta' negozju unilaterali, l-accettazzjoni taghha timmanifesta l-volonta` ta' l-accettant illi jghaqqad dan il-karattru unilaterali ta' l-offerent ma' dak unilaterali tieghu, qua accettant, u b'hekk jikkonkludi l-ftehim".

22. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**It-Tielet Aggravju**

23. Permezz ta' dan l-aggravju l-konvenut jargumenta li anke jekk jitqies li l-ittra kienet vinkolanti fuqu, l-inġurji u frodi min-naħa tal-attriċi kisru l-kondizzjoni impliċità li għaliha huwa kien qiegħed jagħmel id-dikjarazzjoni, u għalhekk jirrenduha revokata. Jargumenta li ġaladarba l-attriċi semmiet sentenzi li ddeċidew li l-obbligazzjoni kienet valida, il-Qorti għandha tissindika wkoll jekk dawk is-sentenzi kinux mistħoqqa u l-validità tal-konklużjonijiet tagħhom la qed tiġi mitluba li ssejjes id-deċiżjoni tagħha fuqhom. Jgħid li f'dawk is-sentenzi l-Qorti tal-Appell naqset milli tqis li huwa kien qiegħed jagħmel dik il-proposta biss fuq bażi ta' mingħajr preġudizzju u għalhekk qatt ma seta' jkun marbut biha, u għalhekk it-talbiet rikonvenzjonanti tiegħu jridu jitqiesu f'dan l-isfond. Jgħid li l-inganni u l-qerq perpetrati mill-attriċi huma essenzjali biex jissawwar l-argument li huwa ma seta' assuma l-ebda obbligu *stante* li fil-kamp tal-proposti, mingħajr preġudizzju jekk il-parti li qed tirċievi l-proposta tiffrustra l-proċess ta' negozjati, allura l-proposta ma tibqax siewja. Isostni li għalhekk l-Ewwel Qorti ma setgħetx tiddikjara li l-inġurja u l-qerq ma kellhom l-ebda relevanza għat-tħassir tal-obbligazzjoni *stante* li l-kwadru legali li jippermetti li jitħassru obbligazzjonijiet minħabba nġurji ma jinkludix iċ-ċirkostanzi odjerni. Jgħid li peress li d-dikjarazzjoni li saret minnu kienet waħda li tfisser x'jiġri jekk il-partijiet jiftiehmu u tieqaf il-

litigazzjoni, allura fil-mument li l-attriċi wettqet frodi u nġurji hija ħassret il-kondizzjoni impliċità li għaliha kienet qed tiġi assoġġettata tali dikjarazzjoni.

24. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "51. Ladarba l-qorti qiegħda tasal għall-konklużjoni li l-obbligazzjoni li ntrabat biha Alfred Mifsud mhijiex donazzjoni, dan għandu jfisser li Alfred Mifsud ma jistax jargumenta b'suċċess li din ma tiswiex minħabba inġurja gravi li allegatament wettqet kontrih Anna Zelbst;
>
> 52. Konxju b'din is-sitwazzjoni, l-avukat ta' Alfred Mifsud argumenta fit-trattazzjoni tal-għeluq li d-dispożizzjonijiet legali dwar l-inġurja fuq imsemmija għandhom japplikaw xorta waħda għal dan il-każ bl-użu tal-prinċipju tal-analoġija. Din il-qorti iżda ma taqbilx għaliex kif ingħad minn din il-qorti b'Imħallef differenti fis-sentenza The Performing Right Society Limited v. One Productions Limited deċiża fil-5 ta' Ġunju, 2014 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu, 2015:
>
>> «hu aċċettat li fejn ma hemm xejn speċifikat fil-liġi, Qorti ma tistax tapplika liġi oħra minflok jew b'analoġija. Għalhekk mhux permess li istitut jitwessa b'analoġija, tixbieħ jew teħid u li tittieħed inizzjativa li ma hix mogħtija lilu mil-ligi. Il-prinċipju bażilari fid-dritt Ruman "Ubi lex voluti dixit, ubi noluit tacuit". Li kieku l-leġislatur ried jipprovdi xorta oħra dan seta' jagħmlu liberament imma f`dan il-każ ma għamlux. (Av. Adrian Delia noe v. European Insurance Group Limited, PA 04/02/2013; AIC Joseph Barbara et v. Onor. Prim Ministru, Kost 17/10/2007; Frank Fenech v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, App 28/09/2012; Jean Pierre sive Jean Borg vs. Nicole Borg, App 30/11/2012).»
>
> 53. Għaldaqstant, fid-dawl ta' dan kollu m'hemm l-ebda ħtieġa li l-qorti tidħol fil-kwistjoni dwar jekk l-allegata inġurja fil-fatt twettqitx jew le. It-tħassir ta' obbligazzjoni minħabba offiża gravi kontra l-persuna tista' tintlaqa' biss f'waħda mis-sitwazzjonijiet spjegati fil-paragrafu 45 ta' din is-sentenza u darba li l-obbligazzjoni inkwistjoni ma toqgħod taħt l-ebda waħda minnhom, l-azzjoni ta' Alfred Mifsud taħt din il-kawżali tfalli wkoll";

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

25. Il-Qorti tibda billi tirrileva li huwa żbaljat l-argument tal-appellant li l-Qorti għandha tissindika l-validità tal-konklużjonijiet tal-Qrati fid-

deċiżjonijiet tal-kawżi l-oħra li kien hemm bejn il-partijiet. Dawk is-sentenzi llum il-ġurnata huma *res judicata* u għalhekk legalment m'hemmx lok li jiġu ssindikati.

26. Il-Qorti tqis li dan l-aggravju wkoll mhuwiex mistħoqq. L-appellant hawnhekk qiegħed jibbaża l-aggravju tiegħu fuq l-argument li bejn il-partijiet ma kien hemm l-ebda ftehim u li huwa kien biss għamel suġġeriment fi ħdan negozjati li kienu għaddejjin bejn il-partijiet. Dan l-argument diġà ġie kkonsidrat minn din il-Qorti u nstab li huwa nfondat, u għalhekk il-Qorti tagħmel referenza għall-konsiderazzjonijiet magħmula minnha fir-rigward tal-ewwel u t-tieni aggravju li jgħoddu wkoll għal dan l-aggravju.

27. Peress li nstab li f'Ġunju 2016 kien diġà nħoloq ftehim bilaterali bejn il-partijiet dwar il-ħlas ta' €3,000 fix-xahar, l-Ewwel Qorti kienet korretta meta kkonsidrat li kwalunke nġurji li l-appellant jallega li wettqet l-attriċi huma rrelevanti. Kif sewwa kkonsidrat l-Ewwel Qorti l-inġurji mhumiex raġuni kontemplata fil-liġi għat-tħassir ta' obbligazzjoni ta' din ix-xorta, u għalhekk huma rrelevanti għall-finijiet ta' din il-kawża.

28. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**Ir-Raba' u l-Ħames Aggravju**

29. Permezz tar-raba' aggravju l-konvenut jilmenta li l-Ewwel Qorti ma messha qatt laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-attriċi rikonvenzjonata *stante*

li għall-azzjoni rikonvenzjonanti tiegħu ma jistax ikun hemm perjodu preskrittiv. Jargumenta li l-ittra inkwistjoni kienet tikkonsisti fi proposta, jew fl-agħar ipotesi, kienet biss dikjarazzjoni unilaterali, u fl-ebda waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi ma tapplika l-preskrizzjoni għaliex fl-ewwel waħda m'hemmx rabta u fit-tieni waħda r-rabta tinħall unilateralment. Jgħid li għalhekk l-Artikolu 1222 u 1223 tal-Kodiċi Ċivili nvokati mill-attriċi mhumiex applikabbli għall-każ odjern peress li min-natura tagħhom jippresupponu kuntratti bilaterali.

30. Permezz tal-ħames aggravju mbagħad il-konvenut jilmenta li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-attriċi rikonvenzjonata għaliex l-Artikolu 1222 u 1223 tal-Kodiċi Ċivili ma japplikax għaċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ. Jgħid li dawn l-artikoli japplikaw biss għall-kuntratti bilaterali u għalhekk l-unika preskrizzjoni applikabbli f'dan il-każ hija dik trentennali għall-finijiet tal-Artikolu 2143 tal-Kodiċi Ċivili. Iżid li peress li l-ittra hija ntbagħtet fl-2016 żgur li l-azzjoni rikonvenzjonanti tiegħu mhijiex preskritta.

31. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "31. Il-qorti sejra tistħarreġ l-ewwel il-kwistjoni dwar is-siwi tal-kitba tat-8 ta' Ġunju, 2016 minħabba ingann u qerq, kif mixli fil-kontro-talba ta' Alfred Mifsud. Anna Zelbst tisħaq fit-tweġiba maħlufa tagħha li din l-azzjoni ta' Alfred Mifsud biex iħoll l-obbligazzjoni li daħal għaliha hija preskritta skont l-artikoli 1222 u 1223 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Naturalment jekk din l-eċċezzjoni ta' Anna Zelbst tinstab li hija tajba, l-azzjoni ta' Alfred Mifsud, safejn din hija msejsa fuq din il-kawżali, taqa';

32. L-artikolu 1222 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jgħodd għall-każijiet fejn jintalab il-ħall ta' obbligazzjoni minħabba vjolenza, żball, għemil doluż, stat ta' interdizzjoni jew nuqqas ta' età tal-parti li tkun ikkuntrattat, u kif ukoll fil-każijiet ta' obbligazzjoni bla kawża jew obbligazzjoni msejsa fuq kawża falza. Dan l-artikolu jipprovdi li azzjoni bħal din trid tiġi mressqa 'l quddiem fi żmien sentejn;

33. Fil-każ ta' vjolenza, dak iż-żmien jibda jgħodd minn dakinhar li l-vjolenza tintemm, filwaqt li fil-każ ta' żball, għemil doluż jew kawża falza, iż-żmien ta' sentejn jitlaq minn dakinhar li jinkixef id-difett (ara l-artikolu 1223(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta). Mill-banda l-oħra, fejn tkun saret obbligazzjoni bla kawża ż-żmien ta' sentejn jibda għaddej minn dakinhar tal-kuntratt (ara l-artikolu 1223(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta); 34. Issa fil-każ tagħna, waħda mir-raġunijiet li qiegħed iġib Alfred Mifsud biex iħoll l-obbligazzjoni tal-ħlas hija li l-kunsens tiegħu biex iwettaq il-kitba tat-8 ta' Ġunju, 2016 ttieħed b'qerq u b'ingann u għalhekk din il-kitba għandha titqies difettuża u annullabbli. Huwa jgħid li Anna Zelbst daħket bih għaliex hija kienet ippreswadietu biex jagħmel il-kitba tat-8 ta' Ġunju, 2016 biex imbagħad wara hija tkun tista' tmur għand il-ġurnalista Daphne Caruana Galizia u toħloq akkużi foloz dwaru;

35. L-avukat ta' Alfred Mifsud tenna waqt it-trattazzjoni tal-għeluq li ż-żmien ta' preskrizzjoni applikabbli f'dan il-każ huwa dak ta' ħames snin kif imfisser fl-artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Din il-qorti iżda ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni għaliex skont dan l-artikolu tal-liġi, it-terminu ta' preskrizzjoni ta' ħames snin jgħodd sakemm fil-liġi ma jkunx hemm imniżżel terminu ta' preskrizzjoni li huwa iqsar. Sewwasew fil-każ tagħna l-liġi tipprovdi terminu ta' preskrizzjoni iqsar minn ħames snin, viz. dak ta' sentejn, kif imsemmi fl-artikoli 1222 u 1223 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

36. Għalhekk, darba li l-ewwel kawżali tal-azzjoni ta' Alfred Mifsud għall-ħall tal-obbligazzjoni hija msejsa fuq qerq u ingann, il-preskrizzjoni applikabbli għaliha hija dik ta' sentejn, li jibdew miexja minn meta jinkixef id-difett, jiġifieri minn meta l-parti tkun intebħet li l-parti l-oħra qarrqet biha (ara f'dan is-sens George Mallia v. Avukat Dr. Albert Ganado u Vincent Agius noe v. Mario Borg et deċiżi mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Mejju, 1959 u fl-10 ta' Ottubru, 2007 rispettivament, u Norbert McKeon et v. Emanuele Azzopardi et deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Jannar, 2016);

37. Issa ladarba Anna Zelbst qajmet din l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, kien jaqa' fuqha li turi lill-qorti meta fil-fehma tagħha kienet il-ġurnata li fiha Alfred Mifsud seta' jintebaħ b'dak li huwa qies bħala qerq min-naħa tagħha (ara f'dan is-sens Pierre Falzon et v. Anthony Borg, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Novembru, 2017). Dik il-ġurnata titqies bħala l-jum li fih setgħet tinfetaħ il-kawża li Alfred Mifsud ressaq kontra tagħha u għalhekk il-jum li fih beda miexi ż-żmien tal-preskrizzjoni skont l-artikolu 2137 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

38. Mill-provi miġbura matul il-kors tal-kawża jirriżulta li l-kitba inkwistjoni saret minn Alfred Mifsud fit-8 ta' Ġunju, 2016. Fl-10 ta' Ġunju, 2016 u fil-15 ta' Ġunju, 2016 ġew ippubblikati żewġ artikli fuq il-blog ta' Daphne Caruana Galizia fejn fihom Alfred Mifsud ġie mixli b'allegazzjonijiet ta' korruzzjoni u ħasil ta' flus. Imbagħad, fis-17 ta' Ġunju, 2017 ġie ppubblikat artiklu ieħor fuq l-istess blog fejn fih ħareġ biċ-ċar li s-sors tal-allegazzjonijet li kienu qegħdin jinġabu kontra Alfred Mifsud ma kienet ħadd ħlief Anna Zelbst;

39. Dan ifisser li fis-17 ta' Ġunju, 2016, Alfred Mifsud kien f'qagħda li seta' faċilment jintebaħ bl-ingann li huwa qiegħed jallega fil-konfront ta' Anna Zelbst. Għalhekk, iż-żmien tal-preskrizzjoni ta' sentejn kif hawn fuq imsemmi beda miexi f'dik il-ġurnata u għalaq fis-17 ta' Ġunju, 2018. Alfred Mifsud iżda ressaq il-kontro-talba tiegħu biex iħoll l-obbligazzjoni li ntrabat biha fl-14 ta' Mejju, 2019, jiġifieri ftit inqas minn sena wara li kienu laħqu ġa għalqu s-sentejn imsemmija fl-artikoli 1222 u 1223 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

40. Il-qorti ma jirriżultalhiex li Alfred Mifsud innotifika lil Anna Zelbst b'xi att ġudizzjarju biex jikser il-preskrizzjoni bejn Ġunju tas-sena 2016 u Ġunju tas-sena 2018. Jiġi b'hekk, li l-azzjoni ta' Alfred Mifsud ġiet imressqa ftit inqas minn sena wara li għalaq iż-żmien tal-preskrizzjoni skont l-artikolu 1222 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk huwa ġie li tilef iċ-ċans tiegħu li jħoll l-obbligazzjoni tal-ħlas minħabba għemil doluż fiż-żmien li trid il-liġi;

41. Dan l-artikolu dwar il-preskrizzjoni tas-sentejn madankollu, ma joqtolx l-azzjoni kollha ta' Alfred Mifsud kif miġjuba fil-kontro-talba tiegħu għaliex il-qorti jeħtiġilha tinvestiga wkoll? jekk l-obbligazzjoni inkwistjoni għandhiex tiġi mħassra minħabba offiża gravi, li Alfred Mifsud jgħid li wettqet fil-konfront tiegħu Anna Zelbst, wara li huwa ntrabat b'din l-obbligazzjoni;

42. Għaldaqstant, l-eċċezzjoni preliminari ta' Anna Zelbst dwar il-preskrizzjoni qiegħda tiġi milqugħa limitatament fir-rigward tal-ewwel talba mressqa minn Alfred Mifsud u b'konsegwenza t'hekk din l-ewwel talba ta' Alfred Mifsud qiegħda tiġi miċħuda";

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

32. Il-Qorti tqis li dawn l-aggravji huma wkoll infondati. Għal dak li jirrigwarda l-argumenti tal-appellant ibbażati fuq il-pretensjoni li bejn il-partijiet ma kienx hemm ftehim vinkolanti u bilaterali, il-Qorti tagħmel

referenza għall-konsiderazzjonijiet diġà magħmula dwar din il-kwistjoni fir-rigward tal-ewwel u t-tieni aggravju tal-appellant fejn il-Qorti spjegat għalfejn fil-fehma tagħha din il-pożizzjoni tal-appellant m'għandhiex mis-sewwa.

33. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-Ewwel Qorti kienet korretta meta kkonsidrat li t-terminu preskrittiv invokat mill-attriċi huwa applikabbli fir-rigward tal-ewwel talba tal-appellant. F'din it-talba l-appellant talab it-tħassir tal-obbligazzjoni inkwistjoni għaliex skont hu din l-obbligazzjoni ma tiswiex minħabba nganni u qerq ipperpetrati mill-attriċi. Fil-premessi tiegħu huwa jispjega li l-fondament ta' din it-talba huwa li skont hu l-attriċi induċietu b'ingann biex jagħmel din il-kitba taħt l-impressjoni li kienu ser jaslu f'kompromess, meta fil-verità l-appellata kienet marret għand Daphne Caruana Galizia b'allegazzjonijiet foloz kontra tiegħu biex dawn jiġu ppubblikati mill-imsemmija Caruana Galizia, kif fil-fatt ġara ftit tal-granet wara li kien għamel din l-iskrittura. Għalhekk l-Ewwel Qorti kienet korretta meta kkonsidrat li huwa applikabbli t-terminu preskrittiv ta' sentejn stabbilit fl-Artikolu 1223 tal-Kodiċi Ċivili ladarba dan l-artikolu jirregola l-preskrizzjoni tal-azzjonijiet għar-rexxissjoni ta' azzjoni minħabba għemil doluż, u l-ewwel kontro-talba tal-appellant hija bbażata proprju fuq allegat għemil doluż kommess mill-attriċi.

34. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**Il-Likwidazzjoni tas-Somma Dovuta lill-Attriċi**

35. Peress li kemm l-attriċi u kif ukoll il-konvenut ikkontestaw is-somma likwidata mill-Ewwel Qorti l-Qorti tqis li jkun utli li l-aggravji relattivi jiġu kkonsidrati flimkien.

36. Permezz tas-sitt aggravju tiegħu l-konvenut jilmenta li s-somma likwidata mill-Ewwel Qorti hija eċċessiva. Jargumenta li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata fil-kalkoli tagħha għaliex huwa kien ħallas somma direttament lil uliedu fl-ammont ta' €65,419, li tirriżulta mir-redikonti bankarji ppreżentati. Jgħid li barra dan l-ammont, mill-provi jirriżulta ċar li huwa kien ħallas lil Alain Mifsud is-somma ta' €3,500 wara li l-istess kien għalaq 23 sena sakemm beda jaħdem mal-Bank of Valletta, u ċioè għall-perjodu bejn Lulju 2018 sa Frar 2019 u l-Ewwel Qorti naqset milli tieħu in konsiderazzjoni din is-somma. Jgħid li konsegwentement is-somma li kellha tiġi likwidata mill-Ewwel Qorti kellha tkun fl-ammont ta' €24,081, u ċioè r-riżultanti somma wara li jitnaqqas l-ammont ta' €68,919 mis-somma ta' €93,000.

37. Permezz tal-ewwel aggravju tagħha l-attriċi tilmenta li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tieħu in konsiderazzjoni l-ħlasijiet li l-konvenut kien għamel favur uliedhom peress li l-obbligazzjoni li kienet ġiet assunta minnu kienet

ġiet assunta esklussivament favur tagħha, u għalhekk *kwalsiasi* pagamenti li saru favur l-ulied huma għalkollox irrelevanti għall-finijiet tal-kawża odjerna. Targumenta li din l-obbligazzjoni ma kinitx marbuta jew konnessa mal-obbligi msemmija fl-Artikoli 3 jew 3B tal-Kodiċi Ċivili u lanqas ma' xi obbligu relatat mal-Kapitolu 571 tal-Liġijiet ta' Malta, u tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-18 ta' Ġunju 2018 fejn il-Qorti kienet ikkonkludiet li hija kellha *locus standi* fil-kawża għaliex il-ftehim kien sar magħha. Tgħid li wlied il-partijiet kienu t-tnejn maġġorenni meta l-konvenut assuma l-obbligazzjoni għall-ħlas ta' €3,000 kull xahar, u għalhekk l-obbligu tal-ħlas kien u baqa' favur tagħha u l-ħlasijiet magħmula lill-ulied ma kellhomx jiġu kkonsidrati.

38. Il-konvenut iwieġeb li fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-18 ta' Ġunju 2018, li għaliha tagħmel referenza l-attriċi, ma jingħadx li l-obbligu ta' ħlas kien favur tagħha biss u li l-ħlasijiet magħmula liż-żewġ ulied tal-partijiet m'għandhomx jiġu kkonsidrati. Jgħid illi anzi f'dik is-sentenza l-Qorti kienet ikkonsidrat li ma kienx hemm dubju li l-"*monthly allowance*" kienet intiża wkoll għall-bżonnijiet tat-tfal, u li fi kwalunke każ il-fatt li ġie deċiż li l-attriċi kellha *locus standi* f'dik il-kawża ma jfissirx li l-flus li kienet ser tiġbor kienu kollha għaliha.

39. Permezz tat-tieni aggravju tagħha l-attriċi tilmenta li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tikkonsidra bħala l-aħjar prova jew bħala prova ammissibbli

r-rendikonti bankarji esebiti mill-konvenut sabiex juru l-ħlasijiet li huwa għamel lil uliedu. Targumenta li l-konvenut stess kien ammetta fix-xhieda tiegħu tal-25 ta' Ġunju 2021 li kien ħażżeż fuq ir-rendikonti fejn deherlu li ma kellhomx x'jaqsmu mal-proċeduri odjerni, filwaqt li qatt ma pproduċa rappreżentant tal-bank sabiex jikkonferma l-veraċità tar-rendikonti esebiti minnu, u għalhekk l-awtentiċità ta' dawn id-dokumenti qatt ma ġiet ikkonfermata b'konsegwenza li ma jistgħux jitqiesu bħala l-aħjar prova. Tilmenta li l-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti li hija messha qajmet din l-oġġezzjoni tagħha fil-fażi tal-provi u mhux fis-sottomissjonijiet tal-għeluq tmur kontra l-prinċipju li min jallega jrid jipprova, u żżid li l-liġijiet proċedurali ma kinux jimponu fuqha l-ebda obbligu li tikkummenta fuq xi nuqqas min-naħa tal-konvenut li jipproduċi l-aqwa prova in sostenn tat-teżi tiegħu.

40. Il-konvenut iwieġeb li r-rendikonti bankarji tiegħu kellhom xi informazzjoni *redacted* minnhom għaliex kienu rrelevanti għall-każ odjern u għalhekk din hija kwistjoni ta' protezzjoni ta' privatezza u kunfidenzjalità li ma tippreġudikax il-valur probatorju tad-dokumenti inkwistjoni. Jargumenta li rendikont bankarju jaqa' fil-prinċipju ta' *res ipsa loquitur* u jekk l-attriċi dehrilha li ma kienx tajjeb biżżejjed kien jinkombi fuqha l-oneru li tipproduċi rappreżentant bankarju biex jixhed fuq dawn ir-rendikonti. Iżid li ulied il-partijiet stess xehdu li kienu jirċievu l-flus mingħandu u li din hija l-prova reġina.

41. Permezz tat-tielet aggravju tagħha l-attriċi tilmenta li l-Ewwel Qorti naqset milli tieħu in konsiderazzjoni l-fatt li l-obbligazzjoni assunta mill-konvenut kienet dovuta mhux biss minħabba t-tfal, iżda anke minħabba fiha nnifisha. Tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-18 ta' Ġunju 2018 fejn dik il-Qorti kkonsidrat li din l-obbligazzjoni kienet saret ukoll b'kumpens għas-servizz li hija kienet tat lill-konvenut matul is-snin twal tar-relazzjoni tagħhom. Targumenta li għalhekk anke kieku kellhom jiġu aċċettati l-versamenti magħmula mill-konvenut liż-żewġ uliedu, il-kalkolu ma kellux jiġi bbażat fuq is-somom versati liż-żewġt itfal, iżda kellu jingħata piż għall-fatt li parti minn dawk is-somom kienu jispettaw lilha li kienet telqet għalkollox mill-impjieg tagħha biex tkun tista' trabbi t-tfal b'mod li tat lill-konvenut serviġi għal aktar minn għoxrin sena, filwaqt li tilfet il-pensjoni kontributorja li kienet altrimenti tipperċepixxi. Issostni li għalhekk mhux anqas minn żewġ terzi tas-somma ta' €3,000 għandhom jitqiesu li jispettaw lilha indipendentement mill-ammonti allegatament imħallsa lill-ulied.

42. Il-konvenut iwieġeb li s-somma ta' €3,000 kienet intiża sabiex tagħmel tajjeb għall-bżonnijiet tiegħu, tal-appellata u ż-żewġt itfal, u għalhekk *semmai* l-attriċi hija ntitolata għall-kwart tal-istess somma u mhux żewġ terzi kif tgħid hi. Jgħid li għalhekk id-dritt tal-attriċi kien versu

s-somma ta' €750 fix-xahar, li jfisser li l-attriċi kellha dritt għas-somma globali ta' €23,250

43. Permezz tar-raba' aggravju l-attriċi tilmenta li l-Ewwel Qorti naqset milli tieħu in konsiderazzjoni l-intier tal-obbligazzjoni assunta mill-konvenut u x-xhieda ta' wlied il-partijiet. Targumenta li apparti s-somma mensili ta' €3,000 il-konvenut intrabat li jivversa "*all reasonable maintenance and utility costs"* tal-appartament fejn kienu qed jirrisjedu l-attriċi u wlied il-partijiet. Tgħid li bint il-partijiet kienet xehdet li kellhom važett id-dar fejn kienu jpoġġu €50 jew €25 fil-ġimgħa kull wieħed biex jagħmlu tajjeb għall-kontijiet tad-dawl tal-appartament, u dan ġie kkonfermat ukoll minn iben il-partijiet. Tgħid li għalhekk jirriżulta li parti mis-somom li l-ulied kienu jirċievu mingħand il-konvenut kienu jmorru għall-ħlas tal-kontijiet tad-dawl u għalhekk parti minn dawn il-ħlasijiet ma kellhomx jitqiesu li jifformaw parti mis-somma mensili ta' €3,000, iżda kellhom jiġu applikati bħala pagamenti għal *utility costs* tar-residenza tagħha u ta' wliedhom, u żżid li l-Ewwel Qorti setgħet tiffissa *arbitrio boni viri* l-ammont li kellu jitnaqqas f'dan ir-rigward.

44. Il-konvenut iwieġeb li dan l-aggravju huwa improponibbli għaliex fil-kawża l-pretensjoni attriċi tirrigwarda biss is-somma mensili ta' €3,000, u mhux ukoll il-ħlasijiet għall-utilitajiet u manutenzjoni tal-appartament. Iżid li fi kwalunke każ l-attriċi ma ressqet l-ebda prova f'dan ir-rigward u li

huwa ħallas l-ispejjeż tal-kondominju li kienu jammontaw għal €3,250 fis-sena u lil ulied il-partijiet tahom ferm aktar minn dak li effettivament kienu l-ispejjeż tagħhom.

45. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "65. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, Anna Zelbst tisħaq li dawn ir-rendikonti bankarji ma jistgħux jitqiesu bħala prova valida, kemm għaliex minn dawn ir-rendikonti Alfred Mifsud ħassar kull fejn deherlu li ma kienx rilevanti għall-kawża, u kif ukoll għaliex dawn ma ġew qatt ikkonfermati mill-bank li ħariġhom. Dwar dan il-punt l-avukat ta' Anna Zelbst għafas ħafna wkoll fit-trattazzjoni orali tiegħu;
>
> 66. Huwa minnu li fir-rendikonti bankarji li pproduċa Alfred Mifsud hemm numru ta' transazzjonijiet li ġew mgħottija bl-iswed. Madankollu, dan ma jfissirx li b'daqshekk dawn huma ħżiena jew li juru ħaġa b'oħra. Jekk Anna Zelbst riedet ixxejjen is-sedqa u s-siwi ta' dawn ir-rendikonti bankarji hija setgħet faċilment tħarrek lir-rappreżentant tal-bank li ħariġhom sabiex jixhed dwar jekk dawn humiex ġenwini jew inkella sabiex jippreżenta kopja tagħhom li mhijiex mittiefsa;
>
> 67. Madankollu, Anna Zelbst m'għamlet xejn minn dan u għalhekk din il-qorti ma tħossx għalfejn hija m'għandhiex temmen dak li hemm imniżżel f'dawn ir-rendikonti. Wieħed ma jridx jinsa li rendikont bankarju, li juri jum b'jum x'daħal u x'ħareġ minn kont, huwa ktieb tal-kummerċ kif imfisser fl-artikolu 16 tal-Kodiċi tal-Kummerċ. Barra minn hekk, l-artikolu 22(1) tal-istess Kodiċi jgħid li, «il-kotba tal-kummerċ, obbligatorji jew le, jagħmlu prova skont il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili» Għalhekk, dawn ir-rendikonti jagħmlu prova sakemm ma jintweriex il-kuntrarju (ara Bank of Valletta p.l.c. v. Gozo Caterers Ltd et, deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Lulju, 2020);
>
> 68. Fuq kollox, Anna Zelbst ma ressqet l-ebda eċċezzjoni tal-falz skont l-artikolu 802 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta biex tikkontesta l-ġenwinità tar-rendikonti bankarji li tressqu bħala prova kontriha. Tassew mhuwiex sew li Anna Zelbst taħsad lill-kontro-parti u tqajjem il-kwistjoni dwar il-ġenwinità tar-rendikonti bankarji fis-sottomissjonijiet finali tagħha. Jekk kellha xi problemi bihom, hija messha qajmet l-oġġezzjoni tagħha fil-fażi tat-tlugħ tal-provi u mhux fis-sottomissjonijiet tal-għeluq;
>
> 69. Imma anke kieku stess wieħed kellu jwarrab dan kollu, jirriżulta li wlied il-partijiet stess ikkonfermaw bil-ġurament tagħhom li huma rċivew numru ta' ħlasijiet ta' €250 mingħand missierhom (ara x-xiehda ta' Alain Mifsud f'paġni 286 u 287 tal-atti tal-kawża u x-xiehda ta' Shana

Mifsud f'paġna 297 tal-atti tal-kawża). Għaldaqstant, dan l-argument ta' Anna Zelbst li ġie magħmul fis-sottomissjonijiet miktuba u orali tagħha qiegħed jiġi mwarrab;

70. Kif ġie meqjus aktar kmieni f'din is-sentenza, it-€3,000 li Alfred Mifsud kien intrabat li jgħaddi lil Anna Zelbst kull xahar, kienu maħsuba wkoll biex huwa jagħmel tajjeb għall-bżonnijiet ta' wliedu. Fil-fatt, għalkemm fis-sentenza tagħha tat-18 ta' Ġunju, 2018, il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) kienet tal-istess fehma, hija dehrilha li f'dik il-kawża Alfred Mifsud ma kienx ressaq provi tajbin biżżejjed biex juri minn meta huwa beda jwettaq il-pagamenti ta' €250 fil-ġimgħa lil uliedu. Għalhekk, hija ma ħassitx il-ħtieġa li tidħol fil-kwistjoni dwar jekk għandux ikun hemm tnaqqis mill-ħlas li kienet qiegħda tippretendi Anna Zelbst;

71. Minkejja dan, fil-kawża tal-lum il-qorti jidhrilha li Alfred Mifsud irnexxilu juri permezz tar-rendikonti bankarji u tax-xiehda ta' wliedu li huwa wettaq total ta' 216 pagament ta' €250 kull wieħed lil uliedu bejn Awwissu 2016 u Frar 2019, li magħduda flimkien jammontaw għal €54,000. B'hekk dawn il-€54,000 sejrin jiġu mnaqqsa mit-total ta' €93,000 li qiegħda titlob Anna Zelbst mingħand Alfred Mifsud;

72. L-avukat ta' Alfred Mifsud saħaq fit-trattazzjoni orali tiegħu li Alfred Mifsud għamel ħlasijiet oħra lill-uliedu li ma jidhrux fir-rendikonti bankarji ppreżentati minnu minħabba li huwa ntlaqat minn mandat ta' sekwestru kawtelatorju. Madankollu l-qorti ma jirriżultalhiex mill-provi kif Alfred Mifsud seta' jwettaq dawn il-ħlasijiet, jekk huwa tassew kien milqut b'mandat ta' sekwestru;

73. Tassew mill-atti tal-kawża, Alfred Mifsud la wera b'liema mod huwa rnexxilu jgħaddi dawn il-flejjes lill-uliedu u lanqas ma wera kemm suppost kienu dawn l-ammonti. Fin-nuqqas ta' prova ċara dwar il-modalità u dwar l-ammont ta' dawn il-ħlasijiet, il-qorti ma tistax tqishom. Hekk ukoll, il-qorti mhijiex sejra tqis dawk il-flejjes li Alfred Mifsud seta' għadda lill-uliedu bħala rigali (pereżempju biex jinxtara lap-top jew għas-safar) għaliex tħoss li dawn ma jidħlux fl-ammont ta' €3000 imsemmija fl-obbligazzjoni mertu ta' din il-kawża;

74. Għaldaqstant, il-qorti sejra tilqa' f'dan is-sens it-tieni eċċezzjoni ta' Alfred Mifsud u konsegwentement tilqa' limitatament it-talba ta' Anna Zelbst billi tordna lil Alfred Mifsud iħallsha s-somma totali ta' €39,000";

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

46. Il-Qorti tqis li l-ewwel aggravju tal-attriċi huwa nfondat. Fl-iskrittura esebita a *fol.* 7 il-konvenut kien kiteb hekk:

> *"This is to confirm that for as long as you live with the children, Alain & Shana I will maintain the monthly allowance of Euro 3000 (three thousand euro) and will continue to pay all reasonable maintenance and utility cost of E5/1501 Fort Cambridge.*
>
> *If Alain & Shana leave the allowance will be reduced proportionately but never below the gross pension I receive from National Insurance".*

47. Għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti huwa ċar li s-somma ta' €3,000 kienet intiża bħala manteniment mhux biss għall-attriċi iżda wkoll għal ulied il-partijiet. Li kieku ma kienx hekk ma kienx jingħad li s-somma ta' €3,000 titħallas sakemm l-ulied ikunu għadhom qed jgħixu mal-attriċi u sussegwentement titnaqqas proporzjonalment. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

48. Fir-rigward tat-tieni aggravju l-Qorti ma taqbilx mal-attriċi li l-fatt li l-konvenut għatta xi entrati mir-rendikont bankarju tiegħu jċaħħad l-istess dokument minn valur probatorju. Dak li huwa relevanti f'din il-kawża huwa jekk u kemm il-konvenut kien jgħaddi bħala pagament lill-ulied il-partijiet. Kwalunke ħruġ u dħul ieħor fil-kont tiegħu huwa rrelevanti. Għalhekk ma jistax jingħad li tagħtija ta' entrati l-konvenut immanipola l-kuntest tal-informazzjoni meħtieġa. Inoltre, il-fatt li l-konvenut kien iħallas lil kull wieħed miż-żewġ ulied tal-partijiet €250 fil-ġimgħa ġie kkonfermat mill-ulied stess, u saħansitra mill-attriċi li fil-kontro-eżami tagħha ammettiet li l-konvenut kien beda jħallas is-somma ta' €250 fil-ġimgħa direttament lil uliedhom ftit wara li telaq mid-dar (*fol.* 257). Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

49. Fir-rigward tal-ammont likwidat, il-Qorti tibda billi tikkonsidra li l-argument tal-attriċi li mis-somma ta' €3,000 hija ntitolata għal żewġ terzi ma jreġix. Jekk is-somma ta' €3,000 kienet intiża għall-bżonnijiet ta' tlett persuni, u fin-nuqqas ta' ftehim espress dwar kif dik is-somma kellha tinqasam il-Qorti tqis loġikament li l-attriċi kienet intitolata għal terz minn dan, u ċioè €1,000. Dan aktar u aktar ikkonsidrat li l-konvenut kien iħallas lil kull wieħed mill-ulied is-somma ta' €1,000 fix-xahar, li fil-fehma ta' din il-Qorti jkompli jikkonferma li l-intiża kienet li s-somma ta' €3,000 tkopri manteniment ta' €1,000 fix-xahar għall-attriċi u €1,000 fix-xahar għal kull wieħed mill-ulied. Għalhekk it-tielet aggravju tal-attriċi qed jiġi miċħud.

50. Fir-rigward tal-aggravju tal-konvenut il-Qorti tikkonsidra li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta kkonsidrat li flus mogħtija mill-konvenut bħala rigali għall-ulied jew biex ikollhom x'jonfqu meta jsiefru u ħlasijiet simili huma rrelevanti għall-finijiet ta' din il-kawża. Dawn il-ħlasijiet ma jifformawx parti minn manteniment mensili iżda huma pagamenti arbitrarji li kienu qed isiru bir-rieda tajba tal-konvenut. Għalhekk il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li dawn m'għandhomx jitnaqqsu mill-ammont dovut mill-konvenut konsegwenti għall-obbligazzjoni assunta minnu li jħallas manteniment ta' €3,000 fix-xahar għall-attriċi u ż-żewġ uliedhom.

51. Fir-rigward tal-aħħar aggravju tal-attriċi l-Qorti tosserva li l-attriċi ma qajmitx dan l-argument quddiem l-Ewwel Qorti u għalhekk mhuwiex permess li jitqajjem issa fi stadju ta' appell. Fi kwalunkwe każ il-Qorti tqis li ġaladarba l-pretensjoni attriċi hija dwar is-somma mensili ta' €3,000 u mhux il-ħlasijiet tal-utilitajiet, din il-kwistjoni ma tidħolx entro l-parametri ta' din il-kawża u dan oltre li fil-kawża ma tressqu l-ebda provi dwar in-nefqa tal-attriċi fir-rigward tal-utilitajiet tal-appartament residenza tagħha.

52. Għaldaqstant l-appell inċidentali tal-attriċi qiegħed jiġi miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell prinċipali tal-konvenut bl-ispejjeż kollha kontra tiegħu u tiċħad ukoll l-appell inċidentali tal-attriċi bl-ispejjeż kollha kontra tagħha, u qiegħda għalhekk tikkonferma għalkollox is-sentenza appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm